Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2265/1999/1

**Marcellino u Maria Dolores konjugi Cassar**

**vs**

**Socjeta' Muzikali Santa Katerina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma d-detenturi tal-raba' fiz-Zurrieq denominata "Ta' Hal-Lew" konsistenti predominatement fi dwieli;

Illi fil-kors tal-festa titolari ta' Santa Katarina tal-1998 xi bicciet tal-loghob tan-nar waqa' fir-raba' tal-atturi u kkagonalhom hsarat ingenti fid-dwieli;

Illi s-Socjeta’ Muzikali konvenuta dehrilha tramite l-esperti inkarigat mill-assikurazzjoni taghha, tliet xhur fuq l-akkadut, illi ma kienx hemm il-hsara lamentata mill-atturi u hi baqghat inadempjenti tirrizarcixxi d-danni meta hekk giet interpellata, anke ufficjalment;

Ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta’ muzikali konvenuta tghid l-ghaliex m’ghandiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1 tiddikiara u tiddeciedi illi s-Socjeta’ Muzikali konvenuta kienet reponsabbli ghal-hsarat sofferti mill-aturi fid-dwieli mhawwla fir-raba’ taghhom “Ta’ Hal-Lew” limiti Zurrieq minn 1-loghob tan-nar sparat waqt il-gurnata tal-festa ta’ Santa Katarina tal-1998;

2 tillikwida d-danni kollha hekk sofferti, okkorrendo bl-operat tal-espert nominand;

3 tikkundana lill-istess socjeta’ muzikali konvenuta thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 1999 u tal-ittri legali tat-13 ta’ Novembru 1998, 18 ta’ Jannar, 15 tal Frar 1999 u 21 ta’ Marzu 1999, kontra s-socjeta’ muzikali konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ muzikali konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi huwa minnu illi l-atturi sofrew hsarat fid-dwieli tal-ghalqa detenut minnhom ghal liema hsarat hija responsabbli s-Socjeta’ Muzikali Santa Katerina;

Illi minghajr pregiudizzju ghas-suespost, d-danni reklamati mill-attur fil-kors tal-trattattivi kienu ezagerati kif jigi spejegat aktar dettaljatament waqt il-kawza u s-socjeta’ assikuratrici tas-Socjeta Muzikali Santa Katerina kienet

offriet kumpens xieraq ghal dawn il-hsarat, liema kumpens gie rifjutat u ghalhekk m;ghandiex tbati l-ispejjez ta dina il-procedura;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' muzikali konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju 2000 li bih Anthony Mifsud gie nominat bhala espert agronomu;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2000 li bih gie sostitwit l-espert agronomu nominat u gie nominat minnflok Joseph Scicluna Spiteri bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Marzu 2001 li bih gie sostitwit l-espert agronomu nominat u gie nominat minnflok Dr. Antoine Vella bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert agronomu debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2002;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippretendu li huma sofrew danni fid-dwieli li kellhom fir-raba' fiz-Zurrieq mgharufa bhala "Ta' Hal-Lew" u jippretendu ukoll li s-socjeta muzikali konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dawn id-danni. In effett l-atturi jallegaw li bhala konsegwenza tal-loghob tan-nar li sehh fil-kors tal-festa titolari ta' Santa Katarina tal-1998 gew kagunati hsarat ingenti fl-imsemmija dwieli u dana billi bicciet tal-istess loghob tan-nar waqa' fir-raba tal-atturi. Peress li s-socjeta muzikali konvenuta rrifjutat li tghamel tajjeb ghal dawn id-danni, l-atturi qed jipprocedu

sabiex tigi stabbilita r-responsabilita’ tas-socjeta muzikali konvenuta u sabiex jigu likwidati d-danni relattivi;

Da parti taghha s-socjeta muzikali konvenuta fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha fl-ewwel lok tammetti r-responsabilita’ taghha ghad-danni in kwestjoni sofferti mill-atturi, u fit-tieni lok teccepixxi li l-quantum tad-danni li qed jigu reklamati mill-atturi huma ezagerati;

In vista tal-premess m'hemmx kwestjoni dwar ir-responsabilita' stante li s-socjeta muzikali konvenuta taccetta din ir-responsabilita'. Jibqa biss li jigu likwidati d-danni relattivi u ghal dan il-fini, f'dawn il-proceuri, gie nominat espert agronomu. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li jirrizulta li da parti taghhom l-atturi nkarigaw espert biex jghamel rapport u jghamel stima tal-hsarat. Jidher li l-assikurazzjoni tas-socjeta muzikali konvenuta ma qabblitx mar-rapport tal-espert inkarigat mill-atturi u ghalhekk l-istess assikurazzjoni inkarigat espert iehor li ukoll ghamel rapport. Dawn iz-zewg rapporti gew presentati mill-partijiet f'dawn il-proceduri;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-espert agronomu nominat minnha u taqbel mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-Qorti li tbiddel dawn il-konkluzjonijiet. Difatti l-espert nominat mill-Qorti kkonkluda li n-numru ta' dwieli indikat mill-atturi jew mix-xhieda minnhom prodotti hu numru verosimili u kkonkluda ukoll li m’hemm xejn x’juri li d-dwieli fl-ghalqa tal-atturi kienu fi stat hazin u batut jew li ma kienx ghadu jaqbel ekonomikament li l-ghalqa tibqa’ tinhadem. Ghar-rigward tal-valur ta’ l-istess dwieli u tal-prodott taghhom, huwa kkonluda li jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-espert ex parte tal-atturi;

L-espert inkarigat mill-atturi fir-rapport tieghu kkonkluda li, wara li esamina l-hsara in kwestjoni, huwa jistma l-istess hsara fis-somma komplessiva ta' sebat elef tlett mija u sitta u disghin liri maltin (Lm7396) u cioe kwantu ghal 1720 dielja bit Lm3 il-wahda (Lm5160) u kwantu ghal telf ta' frott fis-somma komplessiva ta' Lm2236 u cioe' 43 qntr gheneb bit-Lm13 kull qantar ghal erba' (4) snin;

In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti u d-danni relattivi ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' sebat elef tlett mija u sitta u disghin liri maltin (Lm7396);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u fuq l-ammissjoni tas-socjeta muzikali konvenuta tiddikjara li l-istss socjeta' muzikali konvenuta hi reponsabbli ghal-hsarat sofferti mill-atturi fid-dwieli mhawwla fir-raba' taghhom "Ta' Hal-Lew" limiti Zurrieq minn 1-loghob tan-nar sparat waqt il-gurnata tal-festa ta' Santa Katarina tal-1998; tillikwida d-danni kollha hekk sofferti fis-somma komplessiva ta' sebat elef tlett mija u sitta u disghin liri maltin (Lm7396) u konsegwentement tikkundana lill-istess socjeta' muzikali konvenuta thallas lill-atturi l-imsemmi ammont ta' Lm7396 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta muzikali konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------